**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 41/2015JB

Numru: 3

**Dr William Grech (K.I.: 36684G)**

***vs***

**Josmar Grech**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-30 ta' Settembru 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin euro u disgha u erbghin centezmu (€228.49) liema somma tirraprezenta drittijiet ghal prestazzjonijiet ta' servizzi veterinarji rezi mill-Attur fuq inkariku tal-Konvenut. Talab ukoll l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2015 (a fol 5);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 2ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar it-28 ta' Ottubru 2015 ipprezenta risposta (a fol 16) fejn fiha eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba tal-Attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi s-servizzi tal-Attur ma wasslu ghall-ebda ezitu tant li s-sitwazzjoni tal-kelb aggravat;

3. Illi l-ammont reklamat hu esagerat;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlas ta’ bilanc ta’ drittijiet ghal servizzi veterinarji prestati mill-Attur fuq talba tal-Konvenut. Il-Konvenut jilqa’ ghal din l-azzjoni billi jghid li t-talba hi infondata, is-servizzi ma swew ghal xejn u li fi kwalukwe kaz, l-ammont reklamat hu esagerat.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-kelb tal-Konvenut ikkonsma xi velenu li ghamillu d-deni. Il-Konvenut irrikorra ghand l-Attur. Dan ikkura l-kelb fuq medda ta’ diversi sieghat. L-Attur jghid li rrilaxxja lill-kelb peress li ma setax izommu mal-lejl ghaliex il-licenzja ma ttihx li jaghmel dan. Il-Konvenut jghid li hu ha lill-kelb ghaliex ried li jarah veterinarju iehor peress li l-qaghda tieghu kienet kritika. Xehedu wkoll missier l-Attur, Georg Werner Rudolf Schaller u l-veterinarju Pierre Paul Camilleri. Il-verzjonjiet tal-kontendenti ma jaqblux – hlief li jirrizulta li l-kelb ma harigx imfejjaq minghand l-Attur. Il-kontestazzjoni hi dwar is-somma ta’ €228.49, bilanc minn kont akbar ta’ €728.49.

Illi minn ezami tal-kont a fol 52 jidher li s-somma ta’ €328.49 tirraprezenta medicini u *consumables* fil-waqt li s-somma ta’ €400 tirraprezenta dritt il-veterinarju ghal saghtejn servizzi (barra mill-hinijiet ordinarji bir-rata ta’ €50 s-siegha inkluz il-VAT) fl-ewwel jum ta’ trattament u ghaxar sieghat fit-tieni jum ta’ trattament (bir-rata ta’ €30 s-siegha inkluz il-VAT). Fejn imiss mal-ispejjez ta’ medicini u *consumables*, it-Tribunal jinnota li dawn ma gewx sostanzjati b’ircevuti jew dokumentazzjoni ohra fil-waqt li s-somma ta’ €152.75 hija kollha elenkata bhala “*consumables*”.

Ikkunsidra;

Illi ghat-Tribunal tali prestazzjonijiet professjonali iridu jigu kumpensati kif imiss, tenut kont tal-fatt li l-Attur ghandu l-kwalifiki mehtiega, jipprovdi servizz ta’ klinika, il-Konvenut jidher li ried servizz tajjeb u fil-pront, anke qabel il-hinijiet ordinarji. It-Tribunal ma jqisx li ghandu jidhol fil-kwistjoni tal-utilita o meno tas-servizzi ghaliex mhux gust li jqabbel il-prestazzjonijiet ta’ zewg veterinarji li ghandhom irrikorra l-Konvenut.

Illi sabiex tinstab tarf ta’ din il-vertenza, it-Tribunal iqis li ghandu qabel xejn jikkunisdra kemm dawn is-servizzi impurtaw hin ghall-Attur u kemm ghandha tkun ir-rata li bihom jithallas.

Issa l-Attur jghid li hu intervjena fuq il-kelb ghal saghtejn u ghal ghaxar sieghat fuq medda ta’ jumejn. Fil-fehma tat-Tribunal, mhuwiex verosimili li veterinarju jahdem ghal perjodu hekk twil fuq annimal wiehed. Jekk xejn, kien hemm perjodi meta l-kelb kien qieghed taht osservazzjoni. Mhuwiex gust li onorarju jigi kalkolat a bazi ta’ fi x’hin rifes l-ghatba tal-klinika veterinarja u ta’ x’hin hareg. Certament, li onorarju ta’ €400 inkuz il-VAT ghal vista

estiza ta' kelb fi stat kritiku hija eccessiva u fil-fehma tat-Tribunal, hemm lok ghal temperament tal-onorarju.  Fil-fehma tat-Tribunal, is-somma ta' tlitt mitt euro (€300) inkluz il-VAT kienet tkun altru milli gustifikata.

Fejn imiss ma' spejjez, fil-waqt li jista' jkun plawsibbli li ntnefqu €175.25 bhala medicinali, mhuwiex verosimili li fuq medda ta' jumejn intnefqu €152.75 bhala *consumables*.  It-Tribunal sejjer jittempera din is-somma ghal hamsin euro (€50).

Ghalhekk wara li jsiru tali aggustamenti, fil-fehma tat-Tribunal kont ta' €525 kien ikun gustifikat.  Jirrizulta li l-Konvenut hallas is-somma ta' hames mitt euro (€500).  Ghalhekk, it-Tribunal sejjer jilqa' t-tielet eccezzjoni u jilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin euro (€25), fil-waqt li jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mal-kap tal-ispejjez, in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u anke peress li fl-Avviz ma ntalbux spejjez, it-Tribunal iqis li kull parti ghandha thallas l-ispejjez proprji.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-Konvenut, jilqa' t-tielet eccezzjoni tal-Konvenut u konsegwentement jilqa' t-Talba attrici limitatament ghas-somma ta' €25 u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta' €25, bl-imghax mil-lum.  In vista tac-cirkostanzi tal-kaz. Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*